

31996D0154

14.2.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 36/24

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-22 ta' Novembru 1993**

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju ta' l-Isvezja u il-Konfederazzjoni ta' l-Isvizzera dwar l-emenda tal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija

(96/154/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Wara li kkonsidra it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 miġjub fih,

Wara li kkonsidra il-proposta mingħand il-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju ta' l-Isvezja u il-Konfederazzjoni ta' l-Isvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija ⁽¹⁾ jagħti setgħa lill-Kumitat Konġunt li ġie imwaqqaf minn dik il-Konvenzjoni biex jagħmel rikmandazzjonijiet għall-emendi lill-Konvenzjoni;

Billi il-Konvenzjoni ġiet emendata biex tippermetti l-adeżjoni tal-Partijiet Kontraenti ġodda;

Billi l-emendi li qed nitkellmu dwarhom huma stabbiliti fir-rakkomandazzjoni Nru 1/93 tal-Kumitat Konġunt; billi il-Ftehim fil-forma ta' skambu ta' ittri relatati ma' dik ir-rakkomandazzjoni għandu jiġi approvat,

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju ta' l-Isvezja u il-Konfederazzjoni ta' l-Isvizzera relatat ma' l-emenda fil-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina il-persuna bis-setgħa biex tiffirma il-Ftehim sabiex torbot il-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1993.

*Għall-Kunsill**Il-President*

Ph. MAYSTADT

(1) ĠU L 134, tat-22.5.1987, p. 2.